INNU-MARĊ BANDA SAN ĠILJAN




Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: L-Innu-marċ[1] Banda San Ġiljan ma jafx meta twieled. Skond artiklu 'Banda San Ġiljan – Storja ta' 75 sena: 1927-2002' li kien deher fil-ħarġa tal-Programm tal-Festa 2002 għall-okkażjoni tal-75 sena mit-twaqqif tal-Banda San Ġiljan, insibu li fl-ewwel nofs tat-tletinijiet il-Banda kienet għaddejja minn żmien tad-deheb u kien hawn li Anġlu Pullicino kkompona l-Innu tal-Banda San Ġiljan. Iżda, bħalma ġara fil-każ tal-Innu Popolari, lanqas hawn ma tingħata data fissa ta' meta nkiteb. Li huwa żgur imma, li l-Innu-marċ Banda San Ġiljan ġie wara l-Innu Popolari San Ġiljan, u dan jikkonfermahulna Spiru Tanti stess f'intervista li kienet saritlu minn Andrew Borg fl-ewwel ta' Mejju 1990 meta qal: '… Dak iż-żmien kellna innu ieħor flok dak li nkantaw ilum, kien in-*Nomine Insignie*. Tal-lum, 'Lil Ġiljan bniedem tas-sema …' kitbu Silvio Frendo, li kien mar għamd is-Surmast Pullicino għall-mużika. **Imbagħad** Karmenu Galea SDB kien kitbilna wkoll 'Fi Ġnien Sabiħ u Ċkejken …' li kienet iddoqq il-Banda.'[2]

Kliem muftieħ: Innu-marċ, Banda San Ġiljan, Mro. Angelo Pullicino, Carmelo (Karm) Galea SDB, Sależjani (Sliema)

L-awtur tal-versi

Minn intervista li kont għamilt lis-Surmast Alfred Dimech fid-29 ta' Settembru 2006 u kien qal hekk: '… Lil Angelo Pullicino niftakru jiġi s-Salesjani mas-Sur Karm Galea. Kienet ukoll mill-ħbiberija ta' bejniethom illi nibet l-Innu-Marċ Banda San Ġiljan.' Mela l-konnessjoni bejn l-awtur u l-kompożitur hija stabbilita. Minn ktieb illi ġie f'idi sibt dan it-tagħrif illi ġej fuqu:






Carmelo Galea SDB (16.8.1890-29.7.1973): Awtur ta' diversi xogħlijiet tal-palk, kif ukoll ta' poeżiji bil-Malti, imwieled B'Kara ġie Tas-Sliema fl-1910 fejn daħal Aspirant mas-Sależjani f'St. Patrick's. Għamel xi snin barra għan-Novizzjat u l-Ewwel Professjoni, u mill-1933 'il quddiem insibuh jgħix dejjem fl-Oratorju San Alfons f'Tas-Sliema sakemm miet 40 sena wara. 'Is-Sur Galea', kif kien magħruf minkejja li kien Sależjan, kien għal diversi snin responsabbli mill-produzzjonijiet teatrali li sikwit kienu jittellgħu f'dan l-Oratorju mill'Għaqda Filodrammatika San Ġinesju'. Barra milli kiteb u dderieġa bosta, ġieli rreċta fihom ukoll. Il-ħsieb ewlieni fil-kitbiet kollha tiegħu u l-wirjiet teatrali li kienu tant għal qalbu kien jagħmilhom biex ixerred il-valuri nsara fost il-mijiet ta' dawk li jiffrekwentaw it-teatre tas-Sależjani. (Rif.: M.J.S. Biog. P. 287; I.N. 16.8,2002, p. 22 minn Raymond Miceli.)[3] Fid-daħla għall-ktieb tiegħu

[1] L-innu-marċ miktub għal kor u banda, li bażikament hu innu di glorja qasir fir-ritmu ta' marċ, jidher li beda voga tant li issa ħafna baned għandhom marċ bħalu. Għaldaqstant huwa mportanti wkoll li wieħed jiddistingwi bejn sempliċi innu u innu-marċ, fejn ta' l-ewwel ikun strofiku u x'aktarx miktub għalbiex jindaqq fil-knejjes, filwaqt li ta' l-aħħar huwa ntiż għalbiex jindaqq minn banda fuq planċier. Madankollu, innu seta' oriġinarjament inkiteb biex jindaqq fil-knejjes u mbagħad l-istess innu spiċċa biex jindaqq ukoll mill-banda ta' dik il-belt jew raħal. (Il-Mużika ta' Malta fis-seklu 19 u 20 ta' Joseph Vella Bondin. Kullana Kulturali 19.)

[2] Ara siltiet minn intervista li dehret fil-Programm tal-Festa - Awwissu 1990 – u Annwal tal-Parroċċa.

[3] Profili Bijografiċi ta' Slimiżi magħrufin u ta' xi oħrajn b'rabta ma' Tas-Sliema ta' Raniero Zammit OFM.CAP – pg. 199-200.

‘Kitarristi u Għannejja Maltin’[4] l-awtur jgħid li kiteb ‘il fuq minn 100 biċċa xogħol għall-palk, u li minnhom ippubblika 10 kotba. Max-xogħol tal-palk, is-Sur Galea ħabb ukoll il-poeżija għalkemm jistqarr li qatt ma kellu ‘pinna tad-deheb għaliha’. Għaldaqstant, hu jgħodd ruħu ‘bħala l-iċken poeta malti’.

<u>L-Innu-marċ</u>

F’idejja ġew dawn it-tliet kopji tal-istess Innu-marċ:


INNU TAL-BANDA TA' SAN GILJAN
eeeeee00000eeeeee

1. Fi gnien sabieh u okejken
Nibtu erbgha xitliet
Il-ward ma damx ma tgheb
U l-gnejna fis bil-frott intliet

2. B'hal ahwa f'ghaqda mqaddsa
Taht xemx li qatt ma tgheb
Issa l-arti tal muzka
Rabtitna l-koll b'lazz fin min tad-deheb

3. B'hal ajkla li tittajjar
B'hal bnadar tal-harir
L-ghamar li gabar qlubna
Bil ferh fis-sema jrid itir

4. U int Giljanu sbejjah
Mill-gholja liebsa l-ward
Bierek lill-ulied tieghek
Biex bid-daqq taghhom jimlew din l-art

PAWSA.

5. Mat-trombi min tal fidda
Mal qniepen ferhanin
Mal-arpa bill wisq helwa
Ahna nkantaw il-koll henjin

6. F'dan l'jum ta' ghajd mill-isbah
Inghannu bla serhan
L-ghanja tal-Banda taghna
Ghax ahna l-koll tfal ta' SAN GILJAN.

ooooooOOOooooo

VIVA SAN GILJAN

Muzka: A. Pullicino Versi: C. Galea, Salesjan.


INNU TAL-BANDA TA’ SAN GILJAN

Mużka: A. Pullicino Versi: C. Galea, Salesjan.

1. Fi ġnien sabieħ u ċkejken
Nibtu erbgħa xitliet
Il-ward ma damx ma tgħeb
U l-ġnejna fis bil-frott intliet

2. B’ħal aħwa f’għaqda mqaddsa
Taħt xemx li qatt ma tgħeb
Issa l-arti tal-mużka
Rabtitna l-koll b’lazz fin min tad-deheb

3. B’ħal ajkla li tittajjar
B’ħal bnadar tal-ħarir
L-għamar li ġabar qlubna
Bil-ferħ fis-sema jrid itir

4. U int Ġiljanu sbejjaħ
Mill-għolja liebsa l-ward
Bierek lill-ulied tiegħek
Biex bid-daqq tagħhom jimlew din l-art

PAWSA

5. Mat-trombi min tal-fidda
Mal-qniepen ferħanin
Mal-arpa bill wisq ħelwa
Aħna nkantaw il-koll ħenjin

6. F’dan l’jum ta’ għajd mill-isbaħ
Ingħannu bla serħan
L-għanja tal-Banda tagħna
Għax aħna l-koll tfal ta’ SAN ĠILJAN.

*Maħruġ mill-Banda San Ġiljan*


LIL FILARMONIKA TA’ SAN ĠILJAN.

Fi ġnien sabiħ u ċkejken
Nibtu erbgħa xitliet;
Il-ward ma damx ma fetaħ,
U l-ġnejna fis bil-frott intliet.
Bħal aħwa f’għaqda mqaddsa,
Taħt xemx li qatt ma tgħeb;
Issa l’arti tal-mużka,
Rabtitna lkoll b’lazz minn tad-deheb.

Bħala ajkla li tittajjar,
Bħal bnadar tal-ħarir;
L-għamar li gabar qlubna,
Bil-ferħ fis-sema jrid itir.
U int Ġuljanu żbejjaħ,
Mill-għolja liebsa l-ward;
Bierek lill-ulied tiegħek,
Biex bid-daqq tagħhom jimlew din l-art.

Mat-trombi min tal fidda
Mal qniepen ferħanin
Mal arpa bill wisq ħelwa
Aħna inkantaw il koll ħenjin.
F’dan l’jum ta’ għajd mill-isbaħ
Ingħannu bla serħan
L’għanja tal banda tgħana
Għax’ aħna tfal ta San Ġiljan.

C. GALEA, S.C.

Castile Press, 64, St. Ursula Street, Valletta.

L-ewwel kopja hija ttajpjata fuq karta A4 mitnija u aktarx li saret minn Luċjan Pullicino stess (niftakar li kien hu li tahieli), li jiġi ħu s-Surmast, għax kien iħobb jiddelitta ħafna b’dat-tip ta’ xogħol żgħir tal-kitba. Huwa kien dejjem jara kif jista’ jippromwovi l-kompożizzjonijiet ta’ ħuh, speċjalment meta kien fl-Azzjoni Kattolika u kellu l-kumpanija teatrali ‘Melita’. Din kellha truppa ta’ madwar 50 ruħ, fosthom atturi magħrufin bħal Johnnie Navarro, Charles Abela Mizzi, Scalpello, u Gruppetta, u kienet iddur Malta kollha. F’dil-verżjoni, jekk tneħħi il-kelma bħal ‘tgħeb’ u minflokha tqiegħed ‘fetaħ’ fit-tielet vers tal-ewwel strofa, l-innu jkun ħieles minn kull għelt. Ma jistax jonqos ukoll li Luċjan ma jniżżilx xi ‘Viva San Ġiljan’ x’imkien, u jgħid ta’ min huma l-mużika u l-versi rispettivament.

It-Tieni kopja hija pprintjata fuq karta ta’ kwalità fejn l-Innu-marċ kien jifforma wieħed minn tlitt innijiet marbutin mal-Banda San Ġiljan, bit-tnejn l-oħra jkunu l-‘Innu Popolari lil San Ġiljan’ u ‘L-Innu-marċ Tifħir lil San Ġiljan’. Hawn ukoll insibu l-istess żball - ‘tgħeb’ minflok ‘fetaħ’ fit-tielet vers tal-ewwel strofa. Interessanti li fiż-żewġ kopji hemm il-kelma PAWSA bejn ir-raba’ wil-ħames strofa li tindika li hemm waqfa bejniethom fejn tidħol it-tielet u l-aħħar fanfar(r)a. Il-fuljett żgħir kien ‘maħruġ mill-Banda San Ġiljan’ wisq probabbli f’xi okkażjoni speċjali. Fiż-żewġ kopji wkoll, iddaħħlet il-kelma ‘lkoll’ bejn ‘aħna’ u ‘tfal’ fl-aħħar vers tas-sitt strofa.

Meta niġu għat-tielet kopja nsibu li l-innu huwa ddedikat ‘Lil Filarmonika ta’ San Ġiljan’, liema titlu allura jixhed kemm hu qadim dan l-innu. Dana għall-fatt li, fil-Laqgħa Ġenerali Straordinarju tat-2 ta’ Ġunju 1929 kienet ittieħdet deċiżjoni unanima mill-membri preżenti kollha li l-Banda wil-Każin *Circolo San Guiliano* kellhom jingħaqdu taħt l-isem uffiċjali ta’ *Circolo Filarmonico San Giuliano*. Kien biss snin wara li s-soċjetà biddlet isimha għal *Każin tal-Banda San Ġiljan*, u dan għamlitu minħabba l-kwestjoni tal-lingwa li kienet qegħda tiġi ppolitiċizzata. Il-karta volanti[5] kkulurita kienet mitbugħa f’Castille Press, 64, St. Ursula Street, Valletta. Ħasra li l-karta volanti ma ġġib l-ebda data!

<u>Struttura (Qafas)</u>

[4] Mitbugħ fis-Salesian Press, St. Patrick’s Sliema (1970).

[5] Sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija kienet drawwa komuni fil-gżejjer Maltin, li fejn ikun hemm xi festa jew okkażjoni speċjali, kienu jistampaw karti li fuqhom kien ikun hemm sunetti ta’ tifħir lill-qaddis jew protagonista tal-okkazjoni. Dawn is-sunetti, u bosta drabi wkoll poeziji ta’ tip ieħor, kienu jitqassmu lin-nies miġburin fil-post, jew jixnteħtu minn fuq il-bjut, kampnari jew gallariji, skond xi tkun iċ-ċelebrazzjoni. Kienu jgħiulhom ukoll karti volanti (mit-Taljan) li tfisser karti jittajru, jinxterdu jew jitqassmu ma’ kullimkien. (Ħajjitna fl-Imgħoddi ta’ Guido Lanfranco – Wise Owl Publication 2004.)

Fl-arkivju privat tiegħi tax-xogħlijiet oriġinali tas-Surmast Angelo Pullicino ma stajt insib ebda forma ta' xi partitura tal-Innu-Marċ, la bil-lapis u wisq anqas bil-linka. Għaldaqstant, hawn taħt qed inġib eżempju f'forma kompjuterizzata tal-melodija biss, u bil-kliem taħtha biex wieħed ikollu idea tajba ta' kif irid jiġi t-taqsim tal-kliem:




L-Innu-marċ Banda San Ġiljan għandu dawn it-taqsimiet li ġejjin:

| Taqsima | Rimarki | Battuti |
|---|---|---|
| Introduzzjoni | ftuħ f'forma ta' fanfar(r)a | 01-16 |
| L-ewwel tema jew suġġett | strumentali | 17-46 |
| Fanfar(r)a | l-istess bħall-introduzzjoni | 47-62 |
| It-tieni tema jew suġġett | replikata | 63-94 |
| Fanfar(r)a | l-istess bħall-introduzzjoni | 95-110 |
| It-tieni tema jew suġġett | l-istess bħal f'battuti 63-94 | 111-142 |

Mit-tabella ta' hawn fuq wieħed malajr jinnota li t-tifsila tiegħu għandha aktar minn Innu milli minn Innu-marċ, u li kieku ma kienx għar-ritmu tiegħu, l-ewwel isem kien joqgħodlu aktar. Dana għall-fatt li, il-poeta mar għall-poeżija strofika bl-użu tal-kwartini, u għaldaqstant, il-kompożitur ma kellux għażla oħra ħlief li jimxi fuq din l-istess struttura. Hekk mela, hawn għandna tliet taqsimiet fejn it-tieni waħda, għax replikata, fiha tiġbor l-ewwel erba' strofi, filwaqt li l-bqija taż-żewġ strofi jiġu mħaddna mit-tielet u l-aħħar waħda. Jerġa', kull taqsima hija preċeduta mill-istess fanfa(r)a, u dan ikompli jagħtih il-bixra ta' Innu bl-istrofi. Biex tkompli tagħqad, l-ewwel tema hija biss strumentali u taqdi tajjeb il-funzjoni tal-ewwel taqsima minn ta' marċ, bil-konsegwenza imma, li ma jsir ebda użu minnha aktar 'il quddiem. Min-naħa l-oħra, it-tieni wit-tielet taqsima jitkantaw fuq l-istess tema, u dan l-istat ta' fatt donnu qed iċaħħad lill-Innu milli jkollu l-triju[6] tiegħu, bir-riżultat allura li hawnhekk għandna xiħaġa bejn innu u innu-marċ. Din l-anomalija setgħet kienet kawża ta' kitba mnebbħa wisq mill-Innu Popolari San Ġiljan, li nkiteb tista' tgħid fl-istess żmien, u allura fil-fażi bikrija tal-kompożitur fejn donnu kien għadu qed jesperimenta b'xi forma jew oħra mużikali adattata. Dari, kien ferm importanti għal Surmast, speċjalment ta' banda, illi jikteb xi Innu sabiħ għall-banda u li jkun ċert li jagħmel *hit* bih, għax b'hekk biss seta' jikseb il-fama man-nies tal-belt jew raħal. Fil-każ tar-raħal marittmu ta' San Ġiljan, fejn l-uniku Banda li kien hemm dak iż-żmien, il-Banda San Ġiljan, kienet għadha kif twaqqfet xi snin qabel, l-Innu-marċ, kien f'liema forma kien, żgur li nissel ferħ kbir fost il-partitarji li kienu għatxana li jkollhom wieħed huma wkoll li mużikalment seta' jiddistingwi l-Banda tagħhom minn ta' oħrajn, speċjalment ta' rħula qrib tagħhom

[6] Triju = terzett, jew mużika/kant miktub għal tliet strumenti/kantanti.

bħalma huma B'Kara u Tas-Sliema. Għedna dan kollu, l-Innu-marċ Banda San Ġiljan huwa wieħed tal-widna kif kien jaf jinseġ biss is-Surmast Pullicino, b'dawk il-kisriet ħabta u sabta 'l hawn u 'l hinn li joħolqulek speċi ta' *cadenza d'inganno*[7], bħal fil-każ ta' battuti 86-87. Anki mill-mod kif jiftaħ, b'dik l-introduzzjoni fanfar(r)eska tiegħu, kellha tkun it-*trademark* inimitabbli tiegħu fil-bqija tal-marċi illi kiteb.

Niġu issa għall-parti teknika tal-analiżi. Peress li l-editur ġibidli l-attenzjoni (mhux widnejja!) biex inkun teknikament *user-friendly* mal-qarrejja kemm jista' jkun, dis-sena ddeċidejt li nġib eżempji mill-inqas, u li noqgħod lura milli nidħol f'dettalji żejda f'dak li huwa lingwaġġ mużikali biex min mhux daqstant midħla tal-qari tal-mużika jkun jista' jsegwi xorta waħda.

Fanfar(r)a[8] (b. 01-16):




Din hija fil-fatt l-ewwel nofs tal-fanfar(r)a li hija twila 16-il battuta. Bħala binja, hija magħmula minn sentenza li tinqasam f'żewġ nofsijiet daqsinsew, teknikament magħrufin bħala anteċedent u konsegwent, l-istess bħal f'mistoqsija u t-tweġiba tagħha. Innota l-mod kif il-kompożitur jiżviluppa l-materjal tal-ewwel żewġ battuti billi jagħmel użu minn sistema magħrufa bħala *Ready, Steady, go* … L-ewwel żewġ noti wkoll jiddistingwu ruħhom minħabba l-intervall[9] tal-kwarta perfetta li hemm bejniethom għax permezz tagħhom il-fanfar(r)a tiftaħ fuq nota ġubilanti stil Barokk. Fejn hemm immarkat bl-ittra (x) fit-tieni battuta hija ċellola - kroma + żewġ semikromi + żewġ kromi - li ser insibuha titħaddem kullimkien. In-numru 2 f'battuti 3-4 huwa sinjal li jgħarrafna li ż-żewġ battuti li ġew qabel għandhom jiġu replikati.

It-tieni nofs tagħha (b. 9-16) joffri simetrija f'dik li hija melodija u ritmu, biss tibqa' tgħix fid-dominanti (V), biex b'hekk tkun qed tħejji ruħha għall-miġja tal-ewwel tema in Re*b* maġġuri. Din ukoll tiftaħ bl-intervall tal-kwarta perfetta u tagħmel użu miċ-ċellola (x), u peress li tgħix il-ħin kollu fid-dominanti (V) aktarx il-melodija ddur fuq il-korda LA*b* – DO – MI*b*, fejn il-La*b* isservi ta' nota fus bejn din il-korda u dik tat-tonika (RE*b* – FA – LA*b*).

L-ewwel tema jew suġġett (b. 17-46):

Meta niġu għall-ewwel tema jew suġġett insibu li din tista' tinqasam f'erba' frażijiet kif ġej: 8 + 8 + 8 + 6, biex b'hekk, minflok is-soltu paragrafu mużikali ta' 32 battuta, hawnhekk għandna biss 30 battuta minħabba li l-aħħar waħda hija iqsar mit-tlieta li jiġu qabilha. Din mhix xiħaġa li soltu narawha fil-marċi, speċjalment dawk militari, fejn il-frażijiet importanti li jkollhom l-istess tulijiet (aktarx b'binja ta' tminn battuti l-waħda) għalbiex joqgħodu tajjeb mal-pass tas-suldati meta dawn ikunu qedin jimmarċjaw bl-istrumenti f'idejhom. Il-kompożitur seta' faċilment jevita dan kif ser naraw aktar 'il quddiem. Intant, din hija l-ewwel frażi minn tal-ewwel tema jew suġġett:

---

7 Kadenza li tgħallat jew tidħaq bik għax minflok tmur 'il fejn suppost tkun sejra, tiġbed lejn kjavi mhux mistennija – eż in Do maġġuri, korda tas-settima dominanti (V) – SOL – SI – RE – FA – li suppost b'mod normali, tirrisolvi fuq il-korda tonika – DO – MI - SOL, minflok tmur lejn is-sotto-medjanti (VI) – LA – DO - MI. Din kienet isservi ta' għodda utli f'idejn il-kompożituri klassiċi bħalma hu Mozart fejn ikun irid iġebbed xi ftit it- tmiem ta' xi passaġġ jew xena f'xi opra biex joħloq dak il-ftit *suspense*.

8 Fanfara hija biċċa mużika qasira tinstama' sewwa li normalment jdoqqu t-trumbetti f'xi parata militari.

9 Intervall hija d-distanza li jkun hemm bejn nota u oħra. Din tista' titkejjel billi permezz tal-gradi tgħodd minn isfel għal fuq. Dawk l-intervalli li ma jissuperawx l-ottava jissejħu **sempliċi**, u dawk li jissuperawha jissejħu **komposti**.




Ta' min wieħed jinnota illi dil-frażi, u l-oħrajn li jiġu warajha, hija mogħnija b'linja melodika u qafas armoniku mill-aktar sempliċi. Fejn hemm immarkat bl-ittra (x) jindika motiv[10] partikolari magħmul minn semiminima bil-punt u kroma, u li ser jkun qed jintuża dejjem fil-bidu ta' kull sentenza. Fil-fatt, it-tieni frażi (b. 25-32) ukoll għandha mill-istess tifsila ritmika u l-istess anteċedent bħal ta' qabilha, biss timmodula lejn id-dominanti (V) – La*b* maġġuri. Din il-modulazzjoni, anki jekk ċkejkna, kellna bżonnha ħafna peress li s'issa l-mużika dejjem kienet fl-istess tonalità in Re*b* maġġuri - u hekk ser tibqa' - bil-konsegwenza li l-Innu-marċ kien qed jaqa' f'monotonija monokroma[11]. Din il-problema tkompli tinfirex ukoll fit-tielet frażi (b. 33-40) peress li dejjem qedin nieħdu mill-istess motivi u nqegħduhom fl-istess ordni. Madankollu, dil-frażi talanqas twelled xi ħaġa ġdida – l-użu tas-sekwenza (b. 35-36 u b. 37-38), jiġifieri r-repetizzjoni ta' grupp ta' noti 'l fuq jew 'l isfel. U xi ngħidu mbagħad għall-frażi sorpriża (b. 41-46) li biha tagħlaq l-ewwel taqsima? Dil-frażi hija iqsar mill-oħrajn u tagħtik x'tifhem li hija zoppa. Ma nafx għaliex il-kompożitur ried jippreċipita l-għeluq tal-ewwel tema meta seta' faċilment iwessagħha bl-użu ta' materjal eżistenti kif ġej:




Mill-eżempju t'hawn fuq wieħed jinnota li sar użu minn motiv (x) f'battuta 45, segwit minn grupp ta' erba' kromi fil-battuta ta' warajha, li bħalhom insibu fil-frażijiet preċedenti. L-ittra (y) tindika l-użu tal-motiv li kien intuża fil-bini tas-sekwenza fit-tielet frażi, illi hija karatterizzata wkoll mill-użu tas-sinkopé[12].

It-tieni tema jew suġġett (b. 63-94) u (b. 111-142):

Din hija wkoll it-tema li fuqha jimxi l-kant. Fiha 32 battuta u tinqasam f'erba' frażijiet danqsinsew: 8 + 8 + 8 + 8. L-ewwel frażi (b. 63-70) hija kif ġej:




Fiha, wieħed ma jistax ma jinnotax l-element qawwi tas-sinkopé - immarkat bl-ittra (y). Dan insibuh ukoll fl-anteċedent tat-tieni frażi (b. 71-78), fejn jerġa' jkollna wkoll modulazzjoni żgħira lejn id-dominanti (V). Min-naħa tiegħu, l-anteċedent tat-tielet frażi (b. 79-86) huwa l-istess bħal dak tal-ewwel frażi. L-istess jista' jingħad għall-konsegwent, bid-differenza imma, li hawnhekk il-frażi tagħlaq fuq id-dominanti (V) ta' Si*b* minuri, liema korda hija preċeduta minn oħra tas-settima diminwita. Din is-sitwazzjoni toħloq klajmeks bil-wisq tajjeb għax jekk hemm xi nota oħra li tista' qatt toħloq oppożizzjoni assoluta lil-LA*b* (meta aħna nafu li din-nota partikolari dejjem serviet ta' fus kemm fil-melodija u kemm fl-armonija) mhija ħadd ħlief il-LA naturali! U kif għadna hekk b'ħalqna miftuħ quddiem din is-

[10] Disinn ripetut, aktarx magħmul minn ċellola waħda jew aktar.
[11] Fuq kulur jew lewn wieħed, jonkella bla lwien xejn.
[12] Meta n-nota taħbat b'mod illi nofs il-valur tagħha jaqa' fuq il-parti forti u bin-nofs l-ieħor fuq id-deboli.

sitwazzjoni sorpriża, ir-raba' frażi (b. 87-94) tixħitna fi gwaj ieħor bla ma ttina nifs nistejqru. Dana l-għaliex, minflok il-mużika tiġbed lejn il-kjavi fuq msemmija, hija tmur bla mistenni lejn il-korda sopratonika (II)! Dil-frażi hija karatterizzata wkoll minn sekwenzi msenslin, li bħal f'taraġ, jinżlu ħelu ħelu lejn in-nota finali tat-tonika (Re*b*). Fihom, l-element tas-sinkopé ma jonqosx, u l-għadd tagħhom huwa biżżejjed kemm il-frażi ma taqax f'monotonija mużikali. Imma hemm periklu ieħor li s-sekwenzi jistgħu joħolqulek il-kwinti u/jew l-ottavi konsekuttivi jekk ikunu mibnijin fuq żewġ akkordji jew aktar li mhux suppost li jitpoġġew wara xulxin. Dan huwa dak li jiġri f'battuti 87-88 (II) u battuti 89-90 (I).

Nagħlaq billi ngħid li issa ilni snin għaddej b'proċess li fih qed niġbor kemm nista' xogħlijiet tas-Surmast Angelo Pullicino. Għaldaqstant, mir-riċerki li qed nagħmel jirriżulta li dan l-Innu-marċ huwa aktarx l-ewwel wieħed ta' dix-xorta li qatt ħareġ mill-pinna ta' das-Surmast li kellu tant għal qalbu l-Banda San Ġiljan.